



Dokument ta' sessjoni

B9-0575/2022 }  
B9-0576/2022 }  
B9-0577/2022 }  
B9-0579/2022 } RC1

14.12.2022

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:

B9-0575/2022 (Verts/ALE)

B9-0576/2022 (Renew)

B9-0577/2022 (S&D)

B9-0579/2022 (ECR)

dwar it-trażżin mill-ġunta militari ta' dimostrazzjonijiet paċifiċi fiċ-Chad  
(2022/2993(RSP))

**Pedro Marques, Hannes Heide**

f'isem il-Grupp S&D

**Javier Nart, Petras Auštrevičius, Izaskun Bilbao Barandica, Dita**

**Charanzová, Olivier Chastel, Katalin Cseh, Svenja Hahn, Karin Karlsbro,**

**Ilhan Kyuchyuk, Karen Melchior, Dragoș Pîslaru, Frédérique Ries,**

**Nicolae Ștefănuță, Ramona Strugariu, Dragoș Tudorache, Hilde**

**Vautmans**

f'isem il-Grupp Renew

**Pierrette Herzberger-Fofana**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Angel Dzhambazki, Karol Karski, Assita Kanko, Joachim Stanisław**

RC\1269164MT.docx

PE738.904v01-00 }

PE738.905v01-00 }

PE738.906v01-00 }

PE738.908v01-00 } RC1

**Brudziński, Adam Bielan, Dominik Tarczyński, Valdemar Tomaševski,  
Witold Jan Waszczykowski, Carlo Fidanza, Bogdan Rzońca, Elżbieta  
Rafalska, Ryszard Czarnecki**  
f'isem il-Grupp ECR  
**Fabio Massimo Castaldo**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-trażżin mill-ġunta militari ta' dimostrazzjonijiet paċifiċi fiċ-Chad (2022/2993(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu tal-20 ta' Mejju 2021 dwar is-sitwazzjoni fiċ-Chad<sup>1</sup> u tas-16 ta' Settembru 2020 dwar il-kooperazzjoni UE-Afrika fil-qasam tas-sigurtà fir-reġjun tas-Saħel, fil-Punent tal-Afrika u fil-Qarn tal-Afrika<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-20 ta' April 2021 dwar il-mewt tal-President Idriss Déby Itno,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-19 ta' Ottubru 2022 tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Chad,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-kelliem tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-20 ta' April 2021 dwar iċ-Chad,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-missjoni ta' ġbir ta' informazzjoni fiċ-Chad tal-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-Unjoni Afrikana, li saret mid-29 ta' April sas-6 ta' Mejju 2021,
- wara li kkunsidra t-Task Force Konġunta Multinazzjonali (MNJTF) kontra l-Boko Haram, li nġhatat mandat mill-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-Unjoni Afrikana u li hija appoġġgata mill-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika tal-UE,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 2359 (2017) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar l-iskjerament tal-Forza Konġunta tal-G5 tas-Saħel (FC-G5S),
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-membri tal-Kunsill Ewropew mal-Istati Membri tal-G5 tas-Saħel tat-28 ta' April 2020 dwar is-sigurtà, l-istabbiltà u l-iżvilupp tas-Saħel,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' April 2021 dwar l-istrategġija integrata tal-Unjoni Ewropea fis-Saħel, li affermaw mill-ġdid l-importanza ta' sħubija soda u fit-tul bejn l-UE u s-Saħel,
- wara li kkunsidra l-Programm Indikattiv Nazzjonali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp 2014-2020 għaċ-Chad,
- wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni taċ-Chad,
- wara li kkunsidra l-ftehim ta' sħubija bejn il-membri tal-gruppi tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn banda waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri

---

<sup>1</sup> ĠU C 15, 12.1.2022, p. 166.

<sup>2</sup> ĠU C 385, 22.9.2021, p. 24.

tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000<sup>3</sup> (il-Ftehim ta' Cotonou),

- wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli, li ġiet adottata fis-27 ta' Ġunju 1981 u li daħlet fis-seħħ fil-21 ta' Ottubru 1986,
  - wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza, adottata fit-30 ta' Jannar 2007,
  - wara li kkunsidra l-Karta ta' Tranżizzjoni riveduta taċ-Chad,
  - wara li kkunsidra l-Indiçi tat-Terroriżmu Globali tal-2019,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, wara l-mewt tal-ex President Idriss Déby Itno f'April 2021, iċ-Chad tmexxa minn ibnu, Mahamat Idriss Déby Itno; billi l-Kunsill Militari ta' Tranżizzjoni (TMC) preċedement kien issospenda l-kostituzzjoni u xolja l-gvern u l-assemblea nazzjonali;
- B. billi t-TMC wiegħed li jorganizza elezzjonijiet demokratiçi fi żmien 18-il xahar minn meta jieħu l-poter; billi fl-1 ta' Ottubru 2022, ġew adottati formalment miżuri mid-djalogu nazzjonali, li ħabbar li l-elezzjonijiet kienu se jiġu posposti b'sentejn oħra; billi l-Unjoni Afrikana stabbiliet kundizzjonijiet, inkluż ir-rifjut ta' kwalunkwe proroga tal-kalendarju ta' tranżizzjoni oriġinali ta' 18-il xahar, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;
- C. billi d-djalogu nazzjonali ġie organizzat biex jiġi stabbilit l-proċess ta' tranżizzjoni; billi mhux il-gruppi tal-oppożizzjoni kollha ħadu sehem f'dan il-proċess; billi d-djalogu kkonkluda b'rakkomandazzjonijiet biex il-proċess ta' tranżizzjoni jiġi pospost u biex ħadd ma jiġi eskluż, b'mod partikolari l-president attwali, milli jikkontesta elezzjonijiet futuri;
- D. billi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili taċ-Chad fasslu pjan tranżizzjonali biex il-kriżi tintemm; billi ċerti organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili taċ-Chad irrakkomandaw li l-appoġġ internazzjonali għandu jieħu l-forma ta' mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni bl-għan li jerġa' jiddaħħal l-ordni kostituzzjonali u li jiġi appoġġat il-pjan ta' tranżizzjoni;
- E. billi, bejn it-13 ta' Marzu u t-8 ta' Awwissu 2022, 53 moviment militari politiku, li minnhom 6 biss kienu ġenwini, issejġu għal laqgħa f'Doha mill-Gvern taċ-Chad biex jinnegozjaw ftehim ta' paçi;
- F. billi t-TMC sejjaħ għal laqgħa fi N'Djamena lil iktar minn 1 300 delegat, li minnhom kważi kollha tqabbdur direttament mill-gvern biex jattendu l-hekk imsejjaħ Djalogu Nazzjonali Inklużiv u Sovran;
- G. billi dawn iż-żewġ eventi kienu bbojkottjati mill-partiti politiçi l-aktar importanti, l-

<sup>3</sup> ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.  
RC\1269164MT.docx

organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-gruppi politiċi militari veri;

- H. billi fl-20 ta' Ottubru 2022, eluf ta' nies ipprotestaw fiċ-Chad kollu biex jitolbu ritorn immedjat għal tmexxija demokratika; billi, fid-19 ta' Ottubru, b'antiċipazzjoni ta' dan, il-ministru tas-sigurtà pubblika pprojbixxa d-dimostrazzjonijiet kollha fil-pajjiż; billi, b'reazzjoni għall-protesti, il-pulizija sparat munizzjon attiv u gass tad-dmugħ lejn id-dimostranti paċifiċi fi trażżin kontinwu u mifrux fil-pajjiż kollu;
- I. billi l-awtoritajiet ħabbru wkoll is-sospensjoni temporanja tal-attivitajiet ta' seba' gruppi politiċi; billi ddecretaw ukoll li l-attivitajiet ta' gruppi ewlenin tal-oppożizzjoni u tal-koalizzjoni tas-soċjetà ċivili "Wakit Tamma" kellhom jiġu pprojbiti fil-pajjiż kollu; billi diversi bliet u kwartieri ġarrbu restrizzjonijiet tal-internet;
- J. billi fl-4 ta' Novembru 2022, fil-laqgħa tal-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Tortura, ir-rapporteur Sébastien Touzé indika li bejn 50 u 150 ruħ mietu, bejn 150 u 184 ruħ sparixxew, 1 369 ruħ ġew arrestati, u bejn 600 u 1 100 ruħ ġew ittiedu fil-ħabs ta' sigurtà għolja ta' Koro Toro fid-deżert, madwar 600 kilometru mill-kapitali, b'riżultat tal-protesti kontra l-gvern;
- K. billi 400 minn dawk li ġew detenuti kollha kemm huma ingħataw sentenza f'erbat ijiem, fin-nuqqas ta' avukat difensur; billi fil-5 ta' Diċembru 2022, 262 dimostrant detentur ingħataw sentenza ta' massimu ta' tliet snin ħabs, 80 ingħataw sentenzi sospiżi u 59 inħelsu;
- L. billi l-proċessi saru mingħajr ebda trasparenza jew informazzjoni pubblika disponibbli; billi d-dimostranti ġew imċaħħda mill-aċċess għall-ġustizzja; billi l-Assoċjazzjoni tal-Avukati taċ-Chad sejħet il-proċess "parodija tal-ġustizzja" u appellat kontra d-deċiżjoni tal-qorti, u billi l-avukati tagħha, għaldaqstant, ibbojkottjaw il-proċess;
- M. billi l-Kumitat tan-NU kontra t-Tortura kkonkluda fl-osservazzjoni tiegħu li l-prevalenza ta' vjolenza fil-ħabs, inklużi atti vjolenti mwettqa minn persunal tal-ħabs kontra detenuti, kienet allarmanti u talab li l-awtoritajiet tal-istat iwettqu investigazzjonijiet dwar l-imwiet kollha f'kustodja u dwar l-allegazzjonijiet kollha relatati ma' atti ta' tortura u trattament ħażin minn persunal tal-ħabs;
- N. billi s-sitwazzjoni tas-sigurtà fir-reġjun tas-Sahel iddeterjorat b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, u dan ħoloq theddida serja għas-sigurtà reġjonali u internazzjonali; billi l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-qtil tal-massa huma mifruxa u ż-żieda fl-insigurtà tal-ikel, il-korruzzjoni, il-faqar estrem u l-għargħar komplew iżidu l-insigurtà; billi fl-2019 iż-żona tas-Sahel kellha l-aktar żieda rapida fl-attività estremista vjolenti ta' kwalunkwe reġjun;
- O. billi, fl-istrateġija integrata tagħha fis-Sahel, adottata mill-Kunsill fis-16 ta' April 2021, l-UE impenjat ruħha li tappoġġa mumentali ewlenin għad-demokrazija fir-reġjun, li tagħti attenzjoni politika speċifika lill-isforzi fl-oqsma tal-governanza u l-istat tad-dritt u li tkompli tappella biex il-forzi tas-sigurtà interna jkollhom rwol aktar ċentrali fit-tiżni tal-fiduċja bejn il-poplu u l-istat;
- P. billi skont in-NU, iċ-Chad laqa' aktar minn 577 000 rifuġjat minn, fost l-oħrajn, id-

Darfur, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, in-Niġerja u l-Kamerun, minbarra li kellu 381 000 ruħ spostati internament; billi l-istabbiltà ta' Chad hija kruċjali għas-Saħel u għall-Afrika ta' Fuq u tal-Lvant;

- Q. billi ċ-Chad jinsab f'reġjun strateġiku u qed iħabbat wiċċu ma' sfidi serji ta' sigurtà minħabba li l-pajjiż jinsab qrib fortizzi militanti reġjonali, b'mod partikolari madwar ir-reġjun tal-Lag Chad fejn joperaw l-Istat Iżlamiku tal-Provinċja tal-Afrika tal-Punent u Boko Haram, grupp militanti Iżlamiku bbażat fin-Niġerja; billi ċ-Chad għandu rwol ewlieni fl-isforzi reġjonali għaż-żamma tal-paċi bħala parti mill-forza konġunta tal-G5 tas-Saħel kif ukoll mill-MNJTF;
1. Jiddeplora l-vjolenza fatali u r-repressjoni mwettqa kontra d-dimostranti favur id-demokrazija fil-protesti ta' Ottubru 2022, u jiddispjaċih ħafna għat-telf ta' ħajjiet; itenni l-kundanna tiegħu għall-kolp ta' stat militari mwettaq fl-20 ta' April 2021 mit-TMC u għas-sospensjoni tal-Kostituzzjoni ta' Chad u x-xoljiment sussegwenti tal-assemblea nazzjonali u tal-gvern;
  2. Jikkundanna r-restrizzjoni tad-dritt fundamentali tal-protesta u l-użu tal-vjolenza kontra d-dimostranti u s-soċjetà ċivili fi ċ-Chad; jiddispjaċih ħafna li dawn il-miżuri meħuda mill-gvern jirriskjaw li jimminaw il-proċess li għaddej bħalissa lejn il-kisba tad-demokrazija; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jirrispettaw bis-sħiħ l-impenji nazzjonali u internazzjonali tal-pajjiż, b'mod partikolari d-dritt għal-libertà tal-għaqda paċifika u għal-libertà tal-assoċjazzjoni, u d-dritt għall-integrità fiżika;
  3. Jitlob il-ftuħ ta' investigazzjoni indipendenti u imparzjali min-NU u l-Unjoni Afrikana dwar il-vjolenza rrapportata, inklużi rapporti ta' tortura fil-ħabsijiet ta' Chad, sabiex l-awturi ta' vjolenza kontra individwi u s-soċjetà ċivili jiffaċċjaw il-ġustizzja; jitlob li dawk responsabbli għall-vjolenza u l-qtil jinżammu responsabbli u jħeġġeġ lill-awtoritajiet ta' Chad jiżguraw li l-militar, il-ġendarmi u l-pulizija ta' Chad ikunu mħarrġa fil-Kodiċi ta' Kondotta tan-NU għall-Uffiċjali tal-Infurzar tal-Liġi u l-Prinċipji Bażiċi dwar l-Użu tal-Forza u tal-Armi tan-Nar mill-Uffiċjali tal-Infurzar tal-Liġi, u li jimxu miegħu;
  4. Jikkundanna l-prosekuzzjoni ta' dimostranti favur id-demokrazija fi proċessi tal-massa li naqsu milli jaderixxu mal-istandards internazzjonali dwar it-trasparenza u l-aċċess għall-ġustizzja; jitlob li s-sentenzi jiġu annullati u li d-dimostranti jinħelsu;
  5. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-gvern jiżgura li dawk kollha li ġew akkużati wara l-protesti tal-20 ta' Ottubru jkollhom aċċess sħiħ għall-protezzjoni legali; jissottolinja li l-UE se ssegwi mill-qrib ħafna l-kontinwazzjoni tal-proċedimenti legali u li l-eżitu se jkun ukoll fattur determinanti ewlieni tar-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u ċ-Chad;
  6. Jiddispjaċih ħafna li r-reġim naqas li jirrispetta l-impenn tiegħu favur tranżizzjoni demokratika; itenni l-importanza li jkun hemm ritorn rapidu għall-ordni kostituzzjonali u tranżizzjoni marbuta biż-żmien immexxija minn persuni ċivili li tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, filwaqt li jfakkar li l-impenn sinifikanti mal-atturi ċivili u politiċi kollha huwa essenzjali sabiex jiġu ggarantiti l-kredibbiltà u l-leġittimità tal-proċess li għaddej bħalissa;

7. Jitlob b'urġenza li jiġu organizzati elezzjonijiet leġiżlattivi u presidenzjali trasparenti, inklużivi u kredibbli ġodda malajr kemm jista' jkun, li jkunu jirrispettaw bis-sħiħ il-kostituzzjoni nazzjonali u l-istandards elettorali internazzjonali, inkluż billi jipprevedu l-parteċipazzjoni sħiħa tal-partiti tal-oppożizzjoni; jinnota l-importanza ta' kummissjoni elettorali nazzjonali indipendenti u trasparenti u tal-kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali f'dan ir-rigward; jiddispjaċih ħafna dwar in-nuqqas ta' rispett min-naħa tal-awtoritajiet fil-gvern għad-direttiva ċara tal-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-Unjoni Afrikana bbażata fuq il-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza u għall-impenn pubbliku preċedenti tat-TMC li l-mexxejja tiegħu ma jkunux kandidati fl-elezzjonijiet li ġejjin;
8. Ifakkar li tranżizzjoni u riforma demokratiċi ġenwini għandhom jitmexxew minn persuni ċivili u jippermettu l-involvement sħiħ u attiv tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-partiti tal-oppożizzjoni, in-nisa u ż-żgħażaġh, u l-istampa ħielsa, li jeħtiġilhom jkunu jistgħu joperaw mingħajr biża' ta' vjolenza, intimidazzjoni jew restrizzjonijiet;
9. Jiddeplora l-vjolenza kontinwa u l-attakki terroristiċi li għandhom qed iseħħu fiċ-Chad; itenni t-tħassib tiegħu dwar il-kriżi mtawla fil-pajjiż u s-sitwazzjoni volatili tas-sigurtà fit-Tramuntana, u jikkundanna bil-qawwa l-ksur ripetut tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt internazzjonali u dak umanitarju;
10. Jistieden lill-gvern ifittex l-appoġġ tal-medjaturi nazzjonali u internazzjonali, tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Unjoni Afrikana, tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għas-Saħel, tal-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika Ċentrali u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn, sabiex jegħleb l-istaġnar attwali u jmexxi 'l quddiem id-djalogu nazzjonali u l-proċess ta' tranżizzjoni demokratika;
11. Jinsab imħasseb ferm dwar il-livelli għoljin kontinwi ta' korruzzjoni u ta' impunità fiċ-Chad; jinnota li n-nuqqas li tiġi indirizzata l-impunità għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem jikkontribwixxi biex dawn l-abbużi jkomplu u biex il-fiducia pubblika fl-istituzzjonijiet tal-istat tiddgħajfef;
12. Jistieden lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Istati Membri jżidu l-appoġġ tagħhom għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi indipendenti, għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u għal-media indipendenti attiva fiċ-Chad, inkluż permezz tal-finanzjament u l-appoġġ għal dawk li jeħtieġu protezzjoni;
13. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jqajmu dan it-tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-awtoritajiet taċ-Chad, jipprovdu appoġġ tekniku liċ-Chad matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, u jikkunsidraw il-ftuħ ta' proċedura skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou, li tista' twassal, bħala l-aħħar alternattiva, għas-sospensjoni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE maċ-Chad sakemm jerġa' jiġi stabbilit l-ordni kostituzzjonali leġittimu;
14. Ifakkar li t-tibdil fil-klima, in-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel, it-tkabbir tal-popolazzjoni, l-isfruttament tar-riżorsi naturali, il-faqar u n-nuqqas ta' opportunitajiet edukattivi u ekonomiċi huma l-kawżi ewlenin li jixprunaw l-instabbiltà, il-vjolenza u r-reklutaġġ tat-terroristi fis-Saħel kollu; jenfasizza li l-koordinazzjoni tas-sigurtà, l-iżvilupp, l-

assistenza umanitarja u ta' appoġġ għad-demokrazija hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat żvilupp sostenibbli dejjiemi fir-reġjun kollu;

15. Jinnota li l-kooperazzjoni u l-inizjattivi reġjonali inklużi l-Unjoni Afrikana u l-grupp G5 tas-Saħel huma kruċjali għall-appoġġ ta' strateġija mmexxija mill-Afrika biex jiġu indirizzati t-terroriżmu u l-instabbiltà fis-Saħel; jissottolinja l-appoġġ tiegħu għall-Faċilità Ewropea għall-Paċi u l-kooperazzjoni tagħha mal-MNJTF;
16. Jilqa' r-reġjonalizzazzjoni tal-preżenza tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni fir-reġjun tas-Saħel, li għandha l-għan li ssaħħaħ l-approċċ reġjonali tal-ħidma tal-UE fir-reġjun sabiex tappoġġa l-kooperazzjoni transfruntiera fis-Saħel u fost l-istrutturi ta' kooperazzjoni reġjonali, u ssaħħaħ il-kapaċitajiet nazzjonali tal-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jimplimentaw malajr il-proposta ta' inizjattiva ta' Tim Ewropa għaċ-Chad dwar il-governanza, id-demokratizzazzjoni, il-paċi u s-sigurtà;
17. Jistieden lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lill-komunità internazzjonali jirrispondu b'mod urġenti għas-sitwazzjoni umanitarja li tirriżulta mis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Chad u jipprovdu lill-pajjiż l-assistenza meħtieġa biex jindirizza malajr il-ħtiġijiet urġenti tiegħu għall-protezzjoni tal-persuni spostati internament u tar-rifuġjati;
18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Unjoni Afrikana u l-istituzzjonijiet tagħha, u lill-Gvern u lill-Assemblea Nazzjonali taċ-Chad.